Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 332/2015/1

Wara l-ittra uffiċjali 2696/2015 fl-ismijiet:-

**Automated Revenue Management Services Limited (C46054)** **(appellanti)**

**Vs**

**Stephen Paul Tanti (ID 331883M)** **(appellat)**

30 ta' Lulju, 2019.

1. Il-kwistjoni hi dwar ittra uffiċjali li l-intimata ppreżentat fl-20 ta' Ottubru, 2015 ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 u li biha nterpellat lir-rikorrent sabiex iħallas is-somma ta':

   i. €4,503.86 għall-kont bin-numru 101000082525. Kont li jirreferi għall-fond 27, Stop N' Pick,Triq il-Greċja, Naxxar;
   
   ii. €2,821.90 għall-kont bin-numru 101000088160. Kont li jirreferi għall-garaxx numru 62, Triq il-Greċja, Naxxar;

2. Kont li jirreferi għall-konsum ta' dawl, ilma, kera tal-meters, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees.

3. Fit-3 ta' Novembru, 2015 ir-rikorrent ippreżenta rikors u talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tiddikjara li l-ammont mhuwiex dovut, stante li f'Diċembru 2011 kien diġa ttermina l-kirja tal-imsemmija proprjetajiet u kien diġa għarraf lill-intimata.

4. F'deċiżjoni tat-30 ta' Novembru, 2017 l-ewwel qorti kkonkludiet li:

> *"Jirriżulta ċar, fil-każ odjern, illi r-rikorrent kien mar ġewwa l-uffiċini tas-soċjeta intimata sabiex jivverifika l-bilanċ illi kien minnu dovut qabel ma huwa ċeda l-grocer u l-garage lil Owen*

*Scicluna u jirriżulta wkoll li l-bilanċ li kien eżistenti fid-19 ta' Diċembru, 2011 meta huwa kien ġia ċeda l-ħanut u l-garaxx kien tħallas mill-istess rikorrent fit-13 ta' Diċembru, 2014.*

*Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta intimata kienet ben konxja tal-fatt illi Owen Scicluna kien assuma l-kontijet tal-grocer u tal-garage u għalkemm ma ġewx iffirmat l-formoli amministrattivi illi l-istess soċjeta intimata taddotta sabiex il-kont jinqaleb uffiċjalment mingħand ir-rikorrent għal fuq Owen Scicluna, hija kienet ben a korrent tal-fatt illi sar tali tibdil u, di fatti, ttieħed notament ta' dan ukoll.*

***Jirriżulta, għalhekk, illi huwa ċar illi r-rikorrent kien ħallas dak illi huwa kien qiegħed jikontendi illi kien minnu dovut u s-soċjeta intimata aċċettat tali ħlas bħala l-ħlas tal-bilanċ minnu dovut, u dana jirriżulta ċar mix-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjeta intimata**.*

*Għalhekk, jixher ċar illi dak dovut mir-rikorrent attwalment tħallas minnu u għalhekk huwa ma għandu ebda somma oħra dovuta in konnessjoni mal-kontijiet bin-numru 101000082525 dwar il-fond 27, Stop N Pick, Triq il-Greċja, Naxxar u l-kont bin-numru 101000088160 dwar il-fond bl-indirizz Garage 62, Triq il-Greċja, Naxxar".*

5. Fid-19 ta' Diċembru, 2017 l-intimata appellat mis-sentenza fejn l-argument prinċipali tagħha hu li r-rikorrent naqas milli jittrasferixxi s-servizz minn fuq ismu għal fuq isem ħaddieħor. Għalhekk ir-relazzjoni baqgħet bejn il-kontendent u r-rikorrent hu d-debitur tal-intimata għas-somma dikjarata fl-ittra uffiċjali 2696/2015 preżentata fl-20 ta' Ottubru, 2015.

6. Jirriżulta li permezz ta' skrittura privata tad-19 ta' Jannar, 2005 l-intimat ingħata l-proprjeta b'kera għall-perjodu ta' 5 snin mill-1 ta' Jannar, 2005. Sussegwentement b'kuntratt tas-6 ta' Jannar, 2012 l-istess proprjeta ingħatat b'lokazzjoni lil Owen Scicluna. Il-kirja kienet għal 10 snin **b'effett mill-15 ta' Diċembru, 2011**.

7. Mid-deposizzjoni ta' Steve Ellul, uffiċjal tal-intimat, irriżulta li f'Diċembru, 2014 ir-rikorrent kien ħallas l-ammonti dovuti fuq il-kont sakemm kien għadu qiegħed jokkupa l-fond hu (14 ta' Diċembru, 2011). Dan wara li f'Diċembru, 2013 ir-rikorrent kien għarraf lill-intimata li ma kienx baqa' jokkupa l-fond.

8. Pero' jidher li:

   i. Kien biss f'Diċembru, 2013 li r-rikorrent għarraf lill-intimata li f'Diċembru, 2011 ma kienx baqa' jokkupa l-fond (ara deposizzjoni ta' Steve Ellul);

ii. Hu veru li Steve Ellul ikkalkola kemm kien l-ammont dovut minn Tanti sal-ġurnata li baqa' jokkupa l-fond, pero' minn ebda parti tad-deposizzjoni tiegħu ma jirriżulta li l-ħlas li sar f'Diċembru 2014 kien għas-saldu. Ix-xhud Ellul ċaħad li lir-rikorrent kien qal lir-rikorrent li jekk iħallas dak li kien dovut minnu sad-data li kien għadu jokkupa l-fond, l-intimata ma tieħux passi kontrih għall-kumplament (fol. 22). Fil-fatt, il-kontijiet kienu reġistrati f'isem ir-rikorrent u hekk baqgħu. Il-probabbilta' hi li jekk l-intimata aċċettat għas-saldu iż-żewġ pagamenti li saru f'Diċembru 2014, kif ikkonkludiet l-ewwel qorti, is-servizz ma kienx ser jibqa' reġistrat f'isem ir-rikorrent u jibqgħu joħorġu kontijiet f'ismu. Dan apparti li lanqas mhemm prova li l-intimata ħarġet il-kontijiet fuq isem ħaddieħor, tant hu hekk li l-ittra uffiċjali ppreżentata kontra r-rikorrent. Fiċ-ċirkostanzi għall-qorti mhuwiex kredibbli li x-xhud Ellul kien għarraf lir-rikorrent li ma kellu jagħti xejn iktar lill-intimata (ara affidavit tar-rikorrent).

9. Dan il-każ inqala' frott tal-inġenwita jew traskuraġni tar-rikorrent. Kien fl-interess tar-rikorrent li qabel ħareġ mill-fond u irritorna ċ-ċwievet lil sid il-kera, kellu jagħmel *transfer* tal-konsumatur minn fuq ismu għal fuq isem sid il-kera jew persuna oħra li jindikalu sid il-kera.

10. Ir-relazzjoni tal-intimata kienet u baqgħet mar-rikorrent, u mhemmx prova li qabel Diċembru, 2013 l-intimata kienet infurmata li r-rikorrent kien ħareġ mill-postijiet fuq imsemmija. Ir-rikorrent jibqa' responsabbli għall-perjodu sakemm għarraf lill-intimata li ħareġ mill-postijiet u ma komplix jinqeda bis-servizz.

11. Li l-qorti ma tarax li hu ġust, hu li wara Diċembru 2013 r-rikorrent baqa' jinżamm responsabbli għall-kera u konsum ta' dawl u ilma għall-perjodu wara li kienet infurmata li r-rikorrent kien ħareġ mill-fond. Sat-12 ta' Diċembru, 2013 fuq il-kont:

i. 82525 kien hemm bilanċ ta' €3,842.32. Fir-rigward ta' dan il-kont f'Diċembru, 2014 ir-rikorrent ħallas is-somma ta' €482.77;
ii. 88160 kien hemm bilanċ ta' €1,939.29 Fir-rigward ta' dan il-kont f'Diċembru 2014 ir-rikorrent ħallas is-somma ta' €467.63;

12. Kien evidenti li r-rikorrent ma riedx ikompli jinqeda bis-servizz tal-intimata fir-rigward tal-proprjetajiet fuq imsemmija, kif wara kollox kellu dritt. Mhuwiex sew pero' li l-intimata tibqa' passiva u tippretendi li r-rikorrent, kontra l-volonta tiegħu, jibqa' responsabbli sakemm tmur it-terza persuna u taqleb is-servizz f'isimha. Ir-rikorrent ma kienx marbut b'xi żmien biex jinħall mir-relazzjoni li kellu mas-*service provider*, u s-servizz ma baqax jirċevih hu. Hu ċar li f'Diċembru, 2013 l-intimata saret taf li r-rikorrent ma kienx għad għandu bżonn is-servizz tad-dawl u ilma. Kien f'dak il-mument li l-intimata kellha tara x'hemm bżonn isir, u ċjoe' jew tissospendi s-servizz jew saħansitra tneħħi s-servizz. Mhuwiex argument validu li l-intimata tgħid lill-konsumatur li jkollu jieħu għandha lill-persuna oħra sabiex isir *transfer* tas-servizz f'isimha u fl-istess ħin tibqa' tipprovdi s-servizz meta kien ċar li r-rikorrent ma kellux iktar bżonn dak is-servizz. L-istess japplika għall-argument tal-intimata li ma setgħetx tittrasferixxi s-servizz fuq isem Owen Galea għaliex ma kellhiex relazzjoni ġuridika miegħu. Kien hemm rimedji oħra li l-intimata għażlet li ma taddottax.

13. L-intimata argumentat li jekk is-sentenza tal-ewwel qorti tkun ikkonfermata ser tiġi ppreġudikata għaliex mhux ser tkun tista' tiġbor il-flus mingħand ħaddieħor ġialadarba r-relazzjoni tagħha hi mar-rikorrent. Dan mhuwiex raġunament li jista' jwassal biex jintlaqa' l-ilment tal-intimata fl-intjier tiegħu. Jekk l-intimata mhux ser jirnexxielha tiġbor il-bilanċ li jifdal wara din is-sentenza, tort tagħha li naqset li tieħu l-miżuri li kien hemm bżonn fiż-żmien meta ġiet avżata mir-rikorrent li ma kienx baqa' jagħmel użu mis-servizz.

14. Mela f'Diċembru, 2013 l-intimata saret taf li r-rikorrent kien ħareġ mill-fond u ma kienx ser ikompli jinqeda personalment bis-servizz tad-dawl u ilma. Hu veru li dak l-avviż ma ngħatax bil-miktub, madankollu l-provditur tas-servizz kien

avżat u ħa notament (ara deposizzjoni ta' Steve Ellul). Għalhekk kien hemm prova ċara li f'Diċembru, 2013 ir-rikorrent ta avviż li minn Diċembru 2011 ma kienx baqa' jokkupa l-fondi fuq imsemmija.

15. u ma ħadet l-ebda pass sabiex jitwaqqaf is-servizz. M'għandhiex tippretendi li wara l-10 ta' Diċembru, 2013 ir-rikorrent jibqa' responsabbli għal dawk iż-żewġ kontijiet meta:

i. Saret taf u aċċettat li r-rikorrent ma kienx iktar qiegħed jagħmel użu mis-servizz ta' dawl u ilma li kien hemm fl-imsemmija proprjeta u reġistrati f'ismu;

ii. M'għamlet xejn sabiex il-kontijiet ma jibqgħux reġistrati f'isem l-intimat;

16. Għaldaqstant, il-qorti tikkonkludi li r-rikorrent hu responsabbli għas-somma ta' **erbat elef tmien mija u wieħed u tletin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€4,831.21)** mis-somma reklamata fl-ittra uffiċjali tal-20 ta' Ottubru, 2015.[1]

**Għal dawn il-motivi tilqa' parzjalment l-appell tal-intimata u filwaqt li tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-30 ta' Novembru 2017 tiddikjara li fuq l-imsemmija kontijiet r-rikorrent hu debitur tal-intimata fl-ammont ta' erbat elef tmien mija u wieħed u tletin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€4,831.21) biss, u għall-kumplament t-talba tal-intimata hi nfondata.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

Anthony Ellul.

---

[1] (€3842.32 - €482.77) + (€1,939.29 – €467.63) = **€4,831.21**.